MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 168/2011

**Reverendu Monsinjur Carmelo Zammit**
**(Karta ta' l-identita` Numru 476235 (M))**

**Vs**

**Mario u Carmen konjugi Spiteri**
**(Karta ta' l-identita` 781643 (M) u 538047 (M) rispettivament)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti fuq indikat datat il-21 ta' Frar, 2011, li permezz tieghu sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi tramite skrittura privata datata l-4 ta' Jannar, 2010, l-intimati kkostitwixxew irwiehhom debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' mija u tnejn u tmenin elf, tmien mija u sitta u hamsin Ewro, (€182,856.00), self *brevi*

*manu* bl-imghax bit-tmienja fil-mija, (8%), fis-sena pagabbli b’rati mensili;

2. Illi l-intimati m’ottemporawx ruhhom mal-kondizzjonijiet hemm pattwiti;

3. Illi ghalhekk l-imghax beda jiddekorri mill-4 ta’ Jannar, 2010, u b’hekk sal-14 ta’ Frar, 2011, l-ammont dovut lir-rikorrenti mill-intimati hu ta’ mija u sebgha u disghin elf, mija u sebgha u ghoxrin Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€197,127.68);

4. Illi l-ammont dovut mill-intimati lir-rikorrenti hu ghalhekk cert, likwidu u dovut;

5. Illi nonostante li l-intimati kienu nterpellati diversi drabi biex ihallsu l-ammont minnhom dovut lir-rikorrenti, dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

6. Illi ghaldaqstant, ir-rikorenti talab li din il-qorti:

i. Tisma’ l-kawza odjerna bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

ii. Tikkundanna lill-intimati fuq indikati jhallsu l-ammont ta’ mija u sebgha u disghin elf, mija u sebgha u ghoxrin Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€197,127.68), lir-rikorrenti;

iii. Bl-ispejjez kif indikati fir-rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-22 ta’ Marzu, 2011, li permezz tieghu ikkoncediet il-perjodu hemm indikat biex l-intimati jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom;

Rat ir-risposta guramentata datata t-8 t'April, 2011, li permezz taghha sintetikament l-intimati esponew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-iskrittura privata tal-4 ta' Jannar, 2010, fuq riferita hi nulla u bla effett, u dan, ghas-segwenti ragunijiet:
i. Illi l-kunsens relattiv kien karpit bi vjolenza, raggir u bi promessa verbali li r-rikorrenti kien ser jikkoncedi estensjoni ampja ghall-hlas tal-ammont dovut;

ii. Illi l-iskrittura in dizamina hi in effetti simulazzjoni ta' dak li verament gara;

iii. Illi l-"*causa*" tal-istess skrittura hi llecita;

iv. Illi l-hlasijiet effettwati ma gewx imputati bil-mod l-izjed favorevoli ghall-intimat;

v. Illi r-rikorrenti agixxa bhala istituzzjoni finanzjarja minghajr ma kien debitament licenzjat;

2. Illi l-intimati pprezentaw procedura ohra kontra r-rikorrenti li permezz taghha qed tigi attakkata l-iskrittura privata fuq riferita;

3. Illi ghalhekk din il-qorti ghandha tissoprassedi sakemm tigi deciza l-istess procedura riferita fil-paragrafu precedenti;

4. Illi di piu`, l-ammont rikjamat mhux dovut;

Rat it-talba ghas-soprasessjoni tal-intimati datata s-6 ta' Mejju, 2011, li giet michuda permezz tad-digriet taghha kif issa preseduta datat it-8 ta' Novembru, 2011;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet datata s-26 ta' Lulju, 2012, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi l-intimati Mario u Carmen konjugi Spiteri ammettew it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dedotti kontra taghhom;

2. Illi in vista tal-ammissjoni fuq indikata r-rikorrenti Reverendu Monsinjur Carmelo Zammit, jaccetta li l-imghax involut jiddekorri mill-21 ta' Frar, 2011, - data tal-prezentata tal-procedura odjerna – sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi di piu`, l-istess imghax ghandu jkun kalkolat limitatament fuq is-somma ta' mija u disgha u tletin elf Ewro, (€139,000.00);

4. Illi di piu`, r-rikorrenti fuq indikat jirriserva favur tieghu l-imghaxijiet kollha li ddekorrew sad-data tal-prezentata tal-istess procedura hawn in dizamina – liema imghaxijiet huma nkluzi fl-ammont indikat fit-talbiet tar-rikorrenti;

5. Illi r-rikorrenti *de quo* qed jaccetta dilazzjoni ta' pagamenti dwar l-istess somma sat-30 ta' Settembru, 2004, u konsegwentement jirrizerva l-jedd tieghu li jiskrivi ipoteka a bazi tas-sentenza de quo;

Ghaldaqstant, in vista tan-nota konguntiva in dizamina fuq riferita din il-qorti filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati konjugi Spiteri fuq riferiti, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti kif finalizzati fin-nota *de quo*, u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimati Mario u Carmen konjugi Spiteri ghandhom jaghtu lir-rikorrenti Reverendu Monsinjur Carmelo Zammit l-ammont ta' mija u sebgha u disghin elf, mija u sebgha u ghoxrin Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€197,127.68);

2. Tikkundanna lill-istess intimati fuq indikati biex ihallsu lir-rikorrenti fuq ukoll indikat l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli mill-21 ta’ Frar, 2011, ikkalkolat fuq mija u disgha u tletin elf Ewro, (€139,000.00), sal-effettiv pagament, kif indikat fin-nota konguntiva tas-26 ta’ Lulju, 2012, fuq riferita, u bir-rizerva favur ir-rikorrenti tal-imghaxijiet kollha dekorribbli sad-data tal-prezentata hawn riferita kif miftiehem bejn l-istess partijiet.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------